## Il-Ħadd, 28 ta' Lulju 2019

Darba Ġesù kien qiegħed
xi mkien jitlob.
Kif spiċċa mit-talb,
wieħed mid-dixxipli tiegħu qallu:
"Mulej, għallimna nitolbu,
bħalma Ġwanni wkoll
għallem lid-dixxipli tiegħu."
U qalilhom:
"Meta titolbu, għidu:
'Missier, jitqaddes ismek,
tiġi Saltnatek.
Ħobżna ta' kuljum
agħtina kuljum.
U aħfrilna dnubietna,
għax aħna wkoll naħfru
lil kull min hu ħati għalina,
u la ddaħħalniex fit-tiġrib.'"

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 11, versi 1-4***

# 239

"Ġesù kien jitlob kif jitlob kull bniedem. Imma, fil-mod tiegħu kien hemm xi ħaġa mhux tas-soltu, li żgur ma ħarbitx minn taħt għajnejn id-dixxipli tiegħu ... Għalhekk huma jimtlew bix-xewqa li jitgħallmu jitolbu bħalu. Ġesù ma jirrifjutax, mhux għajjur għall-intimità tiegħu mal-Missier; huwa ġie sewwasew biex idaħħal lilna f'din ir-relazzjoni mal-Missier. U hekk isir - għad-dixxipli tiegħu - mgħallem tat-talb, kif żgur li jrid ikun għalina. Anki aħna jeħtieġ ngħidulu: 'Għallimna nitolbu.'"

PAPA FRANĠISKU,
*Udjenza Ġenerali*, 5 Diċembru 2018

# Li titgħallem titlob

*B'liema attitudni nersaq jien lejn Alla meta nitlob?*

*Nirrifletti fuq il-mod ta' kif Kristu kien jitlob?*

Kull meta nagħmilha ma' Alla fit-talb,
agħmel, Mulej, li jien nersaq lejH
b'għajnejja magħluqa
kif tifel ċkejken jersaq lejn missieru u lejn ommu,
kif tgħallimni Int.
Kull meta nagħmilha ma' Alla fit-talb,
agħmel, Mulej, li jien nersaq lejH
bil-ġuħ għas-Saltna Tiegħu, kif tgħallimni Int.
Kull meta nagħmilha ma' Alla fit-talb,
agħmel, Mulej, li jien nersaq lejH
b'qalb imċarrta u b'qalb li trid tinħeles,
kif tgħallimni Int.
Kull meta nagħmilha ma' Alla fit-talb,
agħmel, Mulej, li jien nersaq lejH
b'qalb li fiha jkun hemm tbaqbaq ix-xewqa
li tinfetaħ għall-bnedmin kollha, kif tgħallimni Int.

## It-Tnejn, 29 ta' Lulju 2019

Ġesù ġibilhom parabbola oħra
u qalilhom:
"Is-Saltna tas-Smewwiet
tixbah
lil żerriegħa tal-mustarda
li wieħed raġel
ikun qabad u żeragħha
fl-għalqa tiegħu.
Hija tabilħaqq
l-iżgħar waħda
fost iż-żrieragħ kollha,
iżda meta tikber,
tkun l-akbar waħda
fost il-ħxejjex
u ssir siġra,
hekk li l-għasafar tal-ajru
jiġu jbejtu fil-friegħi tagħha."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 13, versi 31-32***

# 240

"Iż-żerriegħa, li magħha Ġesù
jqabbel is-Saltna ta' Alla, hi żgħira
ħafna; madankollu tiżviluppa
tant li ssir l-akbar waħda fost
il-pjanti: tkabbir li ma tipprevedix,
li josserprendik. Mhux faċli tidħol
f'dil-loġika tal-imprevedibbiltà ta'
Alla. Iżda l-Mulej iħeġġiġna għal
atteġġjament ta' fidi li jmur
lil hemm mill-proġetti tagħna,
mill-kalkoli u mill-previżjonijiet
tagħna. Il-Mulej jissorprendina
dejjem. Hija stedina biex ninfetħu
b'ġenerożità akbar għall-pjanijiet
ta' Alla, fuq livell personali
kif ukoll komunitarju."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus*, 17 Ġunju 2018

*Lil Alla naċċettaH bħala Dak li ma tkunx taf biex jista' joħroġ?*

*Il-fiduċja tiegħi fuq xiex nibniha?*

# Żerriegħa żgħira

Mulej,
Inti għandek stima kbira
lejn dak kollu li huwa żgħir,
għax tħares lejh b'fiduċja kbira;
għax fih tara possibilitajiet
li jkunu għadhom moħbija
imma li jkunu qegħdin hemm.
Inti waħdek taf x'jista' joħroġ miż-żgħir.
Inti waħdek taf x'jista' joħroġ
minn dak li jidher dgħajjef,
limitat,
bla saħħa speċjali.
Daħħalni
fil-mod ta' kif tħares lejn l-affarijiet Inti,
fil-mod ta' kif tipprevedi l-affarijiet Inti,
fil-mod ta' kif tagħmel il-kalkoli Inti.

## It-Tlieta, 30 ta' Lulju 2019

Ġesù qal lid-dixxipli: "Dak li jiżra' ż-żerriegħa t-tajba huwa Bin il-bniedem. L-għalqa hija d-dinja; iż-żerriegħa t-tajba huma wlied is-Saltna; is-sikrana huma wlied il-Ħażin, u l-għadu li żeragħha x-Xitan. Il-ħsad ifisser tmiem id-dinja, u l-ħassada l-anġli. Bħalma s-sikrana jiġbruha u jaħarquha fin-nar, hekk isir fi tmiem id-dinja. Bin il-bniedem jibgħat l-anġli tiegħu, u jiġbru barra mis-Saltna tiegħu kulma jġib it-tfixkil u kull min jagħmel il-ħażen, u jixħtuhom fil-ħuġġieġa tan-nar... Il-ġusti jsiru jiddu bħax-xemx fis-Saltna ta' Missierhom."

*Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 13, versi 37-42a. 43a*

## 241

"Il-ħażen li hawn fid-dinja
mhux ġej minn Alla, imma
mill-għadu tiegħu, il-Malinn.
Il-Malinn imur billejl
biex jiżra' s-sikrana,
fid-dlam, fil-konfużjoni;
imur fejn m'hemmx dawl.
Dan l-għadu moħħu jilħaqlu:
jiżra' l-ħażen qalb it-tajjeb,
b'mod li hu impossibbli
għalina l-bnedmin
li nifirdu b'mod sew
bejn il-wieħed u l-ieħor.
Imma fl-aħħar,
Alla jkun jista' jagħmlu dan."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 20 Lulju 2014

*Nagħrafha*
*l-preżenza*
*tas-sikrana*
*fid-dinja?*

*X'influwenza*
*għandha fuqi?*

# Xogħol il-Malinn

Mulej, quddiem il-ħażen
mhux l-ewwel darba
li nitħajru nippuntaw subgħajna lejk
jew inwaħħlu fik
bħallikieku Inti l-għajn tiegħu.
Imma huwa l-ispirtu ħażin
- u żgur li mhux Inti -
li ma jitlef l-ebda okkażjoni
biex jiżra' ż-żerriegħa
li ma tnissilx ħlief ħsara kull fejn tinżera'.
Agħmilna għassa, Mulej,
ta' dak li jaf tant tajjeb
kif jidħol bejnietna b'mod fin;
ta' dak li jaf tant tajjeb
kif jaqbadna fuq sieq waħda;
ta' dak li jaf tant tajjeb kif iqarraq bina.

## L-Erbgħa, 31 ta' Lulju 2019

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Is-Saltna tas-Smewwiet
tixbah lil teżor
moħbi f'għalqa,
li wieħed raġel isibu u jaħbih,
u kollu ferħan
imur ibigħ kulma jkollu
u jixtri dik l-għalqa.
Tixbah ukoll
is-Saltna tas-Smewwiet
lil wieħed neguzjant
ifittex ġawhar fin;
meta sab ġawhra
tiswa ħafna,
mar biegħ
kulma kellu
u xtara lilha."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 13, vers 44-46***

# 242

"Hu minnu li s-Saltna t'Alla hi għal kulħadd: hija don, rigal, grazzja. Imma mhijiex mogħtija fuq platt tal-fidda, teħtieġ id-dinamiżmu: hija tiftix, mixja, azzjoni. L-atteġġjament tat-tiftix huwa l-kundizzjoni essenzjali biex wieħed isib; jeħtieġ li l-qalb tkun tkebbes bix-xewqa li tikseb l-oġġett prezzjuż, jiġifieri s-Saltna ta 'Alla li hi preżenti fil-persuna ta' Ġesù. Huwa Hu t-teżor moħbi; huwa Hu l-ġawhra ta' valur kbir. Huwa Hu l-iskoperta fundamentali li tista' tagħti bidla deċisiva lil ħajjitna, billi tfawwarha bit-tifsir."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus,* 30 Lulju 2017

# Mhux fuq platt tal-fidda

*Għalija,*
*Kristu*
*huwa teżor*
*flimkien*
*ma' teżori oħra?*

*X'qed nagħmel*
*biex għalija*
*Hu jsir it-Teżor?*

Li Inti, Mulej,
issir it-teżor ta' xi ħadd,
din mhijiex xi ħaġa faċli:
dak li jkun
irid jagħmilha x-xewqa vera tiegħu,
jistaqsi bis-serjetà għaliha,
jaħdem qatigħ għaliha,
ifittixha kull fejn hemm bżonn,
jitqatta' minn ġewwa minħabba fiha,
iħalli fil-ġenb 'teżori' oħra.
Agħtini l-ħeġġa meħtieġa
biex ħadd u xejn
ma jwaqqafni mit-tfittxija tiegħi għalik.
Agħtini l-qawwa
li nkompli nfittxek dejjem,
akkost ta' kollox!

## Il-Ħamis, 1 ta' Awwissu 2019

Ġesù qal lid-dixxipli: "Tixbah ukoll is-Saltna tas-Smewwiet lil xibka mitfugħa l-baħar li fiha jinġabar minn kollox. Meta timtela jtellgħuha x-xatt, u joqogħdu bilqiegħda, jiġbru fil-kannestri dak li jkun tajjeb u jarmu l-ħażin. Hekk jiġri fi tmiem id-dinja: l-anġli joħorġu jifirdu l-ħżiena mill-ġusti, u jixħtuhom fil-ħuġġieġa tan-nar ... Kollu fhimtuh dan?" "Iva", qalulu. U qalilhom: "Għalhekk kull kittieb li jkun sar dixxiplu tas-Saltna tas-Smewwiet jixbah lil wieħed sid li, mill-ħażna tiegħu, joħroġ sew il-ġdid u sew il-qadim."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 13, versi 47-50a. 51-52***

243

"Tħabbira mġedda toffri lil min jemmen, anki lill-berdin u lil dawk li ma jipprattikawx il-fidi, ferħ ġdid fil-fidi u evanġelizzazzjoni li tħalli l-frott. Fir-realtà, il-qalba u l-essenza tagħha hi dejjem l-istess: Alla li wera l-imħabba bla qies tiegħu fi Kristu li miet u rxoxta ... Hu 'l-Evanġelju ta' dejjem', u hu 'dak li kien, fl-imgħoddi, issa u għal dejjem', imma l-għana u l-ġmiel tiegħu huma bla tmiem. Hu dejjem żagħżugħ u għajn kostanti tal-ġdid."

PAPA FRANĠISKU,
Eżortazzjoni Appostolika, *Evangelii Gaudium*,
nru 11, 24 Novembru 2013

*Nemmen*
*li Alla*
*qatt*
*ma jeqdiem?*

*Nemmen*
*li llum ukoll*
*irid isieħeb*
*lil kull bniedem*
*fil-Ġmiel*
*li huwa Hu?*

# Ġmiel ta' dejjem

Int, Mulej,
Ġmiel antik,
u Ġmiel ġdid;
Ġmiel għan-nies ta' qabel,
u Ġmiel għan-nies tal-lum;
Ġmiel għal dawk li jagħrfuk,
u Ġmiel għal dawk li ma jagħrfukx.
Ħallina niskopru
f'kull mument ta' ħajjitna tal-lum
dan il-Ġmiel li huwa Inti.
Ħallina nilqgħuh
biex illum fina jgħammar il-Ġmiel.
Ħallina ngħixuh
biex illum bħalek inkunu Ġmiel.
Ħallina nħabbruh
biex illum ħaddieħor ikun Ġmiel.

## Il-Ġimgħa, 2 ta’ Awwissu 2019

Ġesù mar lejn pajjiżu. Beda jgħallem lin-nies fis-sinagoga tagħhom, u huma baqgħu mistagħġba hekk li bdew jgħidu: “Mnejn ġieb dan l-għerf u din il-qawwa tal-għaġeb? Dan mhuwiex bin il-mastrudaxxa? Ommu mhijiex dik li jisimha Marija, u ħutu Ġakbu u Ġużeppi u Xmun u Ġuda? U ħutu l-bniet mhumiex kollha magħna? Mnejn ġieħ dan kollu?” U tfixklu minħabba fih. Imma Ġesù qalilhom: “Ebda profeta ma hu bla ġieħ jekk mhux f’pajjiżu u daru stess.” U hemmhekk ma għamilx ħafna mirakli minħabba n-nuqqas ta’ fidi tagħhom.

*Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 13, versi 54-58*



“Skont l-abitanti ta’ Nazaret, Alla hu wisq kbir biex jitbaxxa u jitkellem permezz ta’ bniedem sempliċi! Huwa l-iskandlu tal-Inkarnazzjoni: il-ġrajja li tħawdek ta’ Alla li jsir laħam, li jaħseb bil-moħħ ta’ bniedem, jaħdem bl-idejn ta’ bniedem, iħobb bil-qalb ta’ bniedem, Alla li jistinka, jiekol u jorqod bħalna. L-Iben t’Alla jaqleb ta’ taħt fuq kull pjan uman: mhux id-dixxipli li jaħslu riġlejn il-Mulej, iżda hu l-Mulej li jaħsel riġlejn id-dixxipli. Din hi r-raġuni tal-iskandlu u l-inkredulità ta’ kull żmien, illum ukoll.”

PAPA FRANĠISKU, *Angelus*, 8 Lulju 2018

# Meta Kristu jfixkel!

*Hemm*
*xi affarijiet*
*li Kristu*
*nħossu jfixkilni*
*minħabba*
*fihom?*

*Liema huma,*
*u x'nixtieq*
*nagħmel*
*dwarhom?*

Mulej,
ma rrid inħalli xejn xi jfixkilni
minħabba fik:
la dak li Int
u lanqas dak li Int m'intix;
la dak li tgħidli
u lanqas dak li ma tgħidlix;
la dak li tistenna minni
u lanqas dak li ma tistenniex minni;
la dak li titlobni nħalli warajja
u lanqas dak li titlobni nżomm;
la dak li tridni nkun
u lanqas dak li ma tridnix inkun.
Żommli 'l qalbi
dejjem miftuħa għalik,
ixxidd liema libsa xxidd!

## Is-Sibt, 3 ta' Awwissu 2019

Erodi sama' bil-fama ta' Ġesù u lill-qaddejja tiegħu qalilhom: "Dan Ġwanni l-Battista! Qam mill-imwiet!" Għax Erodi kien arresta lil Ġwanni, u qaflu l-ħabs minħabba Erodja, mart ħuh Filippu. Għax Ġwanni kien jgħidlu: "Inti lil dik ma tistax iżżommha!" Ried kieku joqtlu, imma kien jibża' min-nies, għax kienu jżommuh bi profeta. Mela wasal jum li fih Erodi għalaq sninu, u bint Erodja ħarġet fin-nofs tiżfen, u għoġbot lil Erodi; għalhekk wegħedha taħt ġurament li jagħtiha kulma titolbu. U hi, mogħwija minn ommha, qaltlu: "Agħtini issa stess ras Ġwanni l-Battista fuq platt."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 14, versi 1-8***



"Niġbed l-attenzjoni għal tliet atteġġjamenti. L-ewwel: il-korruzzjoni, kif juriha Erodi, li quddiem l-akkuża tal-adulterju li l-Battista jagħmillu, ifittex li jsib bilanċ diplomatiku bejn l-imġiba dubjuża tiegħu u l-qdusija tal-profeta li hu jammira. It-tieni: il-mibegħda, kif turiha Erodja fil-konfront ta' Ġwanni. It-tielet: il-vanità, kif turiha ż-żeffiena żagħżugħa, bint Erodja, li b'dak li tagħmel tagħti pjaċir lir-re, li jwegħedha li jagħtiha kulma titolbu. Wara dawn l-atteġġjamenti m'hemmx ħlief Satana."

PAPA FRANĠISKU, *Meditazzjoni*, 8 Frar 2019

*Il-korruzzjoni,*
*il-mibegħda,*
*u l-vanità,*
*għandi xi ħaġa*
*minnhom*
*f'ħajti?*

*Nifhem*
*li dawn,*
*qalbi*
*jħassruhieli?*

# Qlub imħassra

Lill-bniedem
kemm tħassarhielu lil qalbu
l-korruzzjoni!
Lill-bniedem
kemm tħarbathielu lil qalbu
l-mibegħda!
Lill-bniedem
kemm taħlihielu lil qalbu
l-vanità!
Tħallihom qatt u bl-ebda mod
ma jkollhom mqar dellhom f'ħajjitna, Mulej,
la l-korruzzjoni,
la l-mibegħda,
u lanqas il-vanità.
Għax fejn hemm dawn,
Inti ma tkunx hemm.